# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# bħala Qorti Rimandanti

**(ai termini tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta)**

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja, M.A. Law, LL.D. (melit)*

Illum it-Tnejn 1 t'Awissu 2016

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Francesco GRASSO**

(aktar l-isfel magħruf bħala "l-estradant")

Il-Qorti :

Rat l-Allert fis-Sistema tal-Informazzjoni ta' Schengen għall-finijiet t'estradizzjoni li jġib in-numru ITRMACPNCGNDHQP000001 u l-ħames, il-ħames mandati t'arrest Ewropej (aktar l-isfel magħrufa bħala "MAE") maħruġin mill-Prokuratur tar-Repubblika fil-Qorti ta' Catania fit-23 ta' Marzu 2016 u l-ħruġ taċ-ċertifikat mill-Avukat Ġenerali datat 25 ta' Marzu 2016 fil-konfront ta' Francesco GRASSO, 29 sena, ta' nazzjonalita Taljana, imwieled f'Catania, l-Italja, nhar it-18 ta' Lulju 1986, iben Giuseppe u Maria nee Greco,

pussessur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AV4971670, residenti lokalment fil-fond 124, Appartament numru 6, Triq il-Qasab, Swieqi u dan sabiex jittreġġa' lura lejn l-Italja sabiex iservi piena ta' priġunerija għal perjodu komplessiv ta' dsatax il-xahar u dsatax il-ġurnata, u dan in konnessjoni ta' diversi reati ta' serq u riċettazzjoni (aktar l-isfel magħruf bħala "l-estradant").

Rat iċ-Ċertifikat maħruġ mill-Avukat Ġenerali skont ir-regolament 7 tal-Ordni fejn jiċċertifika li d-Dottoressa Barbara Tiziana Laudani, Sostitut Prokuratur tar-Repubblika fil-Prokura Distrettwali tar-Repubblika f'Catania hija l-awtorita li ħarġet l-allert skont is-Schengen Information System aktar fuq imsemmi kontra l-estradant u li għandha l-funzjoni li toħroġ allerti fl-Italja;

Rat li matul l-udjenza tal-21 ta' Lulju 2016 l-Ispetturi tal-Pulizija Dr. Mario Cuschieri u Herman Mula ikkonfermaw bil-ġurament tagħhom ir-raġunijiet li wasluhom sabiex iresqu lill-estradant quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u fejn talbuha tipproċedi kontra l-estradant skont id-disposizzjonijiet tal-Avviż Legali 320 tal-2004.

Rat l-eżami tal-estradant magħmul minn din il-Qorti kif diversament presjeduta ai fini tal-identifikazzjoni tal-estradant, u rat li l-estradant kien qiegħed jikkontesta t-talba għal estradizzjoni;

Rat il-verbal tal-istess seduta miżmuma quddiem din il-Qorti diversament presjeduta minn fejn jirriżulta li ġie kondott is-smiegħ tal-bidu minn fejn ġie ċertifikat li dik il-Qorti kienet sodisfatta li l-persuna ta' GRASSO Francesco miġjuba quddiemha kienet l-istess persuna li jirriferu għaliha l-ħames MAE u dan ai termini tar-regolament 10 tal-Ordni kif ukoll fejn jirrizulta li l-estradant ma kienx qieghed jaghti l-kunsens tieghu biex jintbaghat lura lejn il-pajjiz skont il-MAE skont il-meritu tal-kawza u dan ai termini tar-regolament 11 tal-Ordni.

Rat ukoll li matul is-seduta tal-1 t'Awissu 2016 quddiem din il-Qorti kif presjeduta, din il-Qorti ikkonfermat mal-estradant li fil-fatt l-identita' tiegħu kienet dik ta' GRASSO Francesco riferit fil-MAE kif ukoll aċċertat mill-estradant stess li huwa kien ġie notifikat bil-MAE.

Din il-Qorti reġgħet spjegatlu mhux biss il-kontenut tal-istess mandati u dawn x'kienu jfissru iżda wkoll spjegatlu l-jeddijiet tiegħu quddiem din il-Qorti inkluż id-dritt li huwa jagħti l-kunsens tiegħu nonche li jekk irid setgħa jikkontesta dawn il-proċeduri, u dan kollu fil-presenza tal-interpretu maħtur lilu appositament.

Rat ukoll li matul din is-seduta il-Prosekuzzjoni tenniet li kwantu għall-MAE li jirreferi għas-sentenza mogħtija nhar it-22 t'Ottubru 2012 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 2689/12 il-piena ta' sentejn priġunerija u multa ta' mitejn euro (€200) hemmhekk imsemmija kienu diġa ġew skontati qabel ma nħarġu l-mandati u li dan il-mandat kien ġie preżentat għall-fini ta' kompletezza.

Il-Qorti, fid-dawl tal-fatt li dan il-mandat jirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' sentenza li l-piena relattiva kienet diġa espijata, tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni għat-treġġiegħ lura in bażi għas-sentenza mogħtija nhar it-22 t'Ottubru 2012 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 2689/12 u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-MAE relattiv.

Illi din il-Qorti għaddiet sabiex tkompli l-analiżi tagħha tar-rimanenti erba' MAE u ċjoe dawk relattivi :

(a) sentenza mogħtija nhar it-15 ta' Jannar 2007 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 27/07;
(b) għas-sentenza mogħtija nhar it-8 t'April 2009 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 974/09;
(c) sentenza mogħtija nhar is-17 ta' Jannar 2011 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 108/11;

(d) sentenza mogħtija nhar it-3 t'Ottubru 2014 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania u li jġib in-numri 4109/14;

Il-Qorti, għall-ekonomija tal-ħin u tal-ġudizzju sejra tgħaddi biex tagħmel analiżi waħdanija tal-istess erba' mandati u tgħaddi biex temana digriet wieħed fir-rigward tal-erba' mandati.

Rat li matul l-istess seduta, il-partijiet qablu wkoll li :

(a) r-reati li għalihom inħarġu l-erba' MAE rimanenti huma kollha reati ta' estradizzjoni ai termini tal-Artikolu 12 tal-A.L. 320 tal-2004;

(b) ma kien hemm ebda impediment għall-estradizzjoni ai termini tal-Artikolu 13 tal-A.L. 320 tal-2004.

Fid-dawl ta' dawn l-istqarrijiet, il-Qorti ddeċidiet li t-treġġiegħ lura tal-estradant ma huwa impedut minn ebda waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-istess Artikolu 13(1) tal-A.L. 320 tal-2004. Iżda peress li f'dawn il-proċeduri qiegħed jiġi allegat li l-estradant qiegħed jiġġerra barra kontra l-liġi wara li kien instab ħati ta' reati ta' estradizzjoni, il-Qorti mexxiet taħt l-Artikolu 23 tal-A.L. 320 tal-2004 fir-rigward tal-erba' MAE.

In eżekuzzjoni għal dak rikjest mill-Artikolu 23 tal-A.L. 320 tal-2004 il-partijiet qablu li fil-proċedura relattiva għas-sentenza

mogħtija nhar it-8 t'April 2009 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania u li ġġib in-numri 974/09 l-estradant kien personalment preżenti għall-proċess li mmatura fid-deċiżjoni u s-sentenza ta' priġunerija għal żmien sitt xhur u mitejn euro multa. Iżda fit-tliet proċeduri l-oħra l-estradant ma kienx preżenti għall-proċess meta misjub ħati. Fir-rigward tagħhom il-Qorti għaddiet biex tanalizza jekk tirriżultax xi waħda miċ-ċirkostanzi imsemmija fl-Artikolu 23(3) tal-A.L. 320 tal-2004 fir-rigward ta' kull wieħed minnhom. Fil-fatt wara analiżi mill-partijiet seduta stante dwar dan, il-partijiet qablu li r-rekwiżiti imsemmija fl-Artikolu 23(3) tal-A.L. 320 tal-2004 ġew xorta waħda soddisfatti. Għalhekk il-Qorti laqgħet il-kwistjoni imsemmija fl-Artikolu 23(3) tal-A.L. 320 tal-2004 u pproċediet skont l-Artikolu 24 tal-istess Avviż Legali.

## Konklużjoni

Stante li ma hemm ebda impediment legittimu għaliex l-istess GRASSO Francesco għandu ma jintbagħatx lejn l-Italja skont kif mitlub mill-Awtorita Ġudizzjarja Taljana fil-MAE jew li jkun hemm dewmien fl-ispedizzjoni tiegħu lejn l-Italja in eżekuzzjoni tal-istess erba' MAE u ċjoe dawk relattivi għas-

(a) sentenza mogħtija nhar it-15 ta' Jannar 2007 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 27/07;

(b) għas-sentenza mogħtija nhar it-8 t'April 2009 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 974/09;

(c) sentenza mogħtija nhar is-17 ta' Jannar 2011 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania (Sez. 1) u li jġib in-numri 108/11;

(d) sentenza mogħtija nhar it-3 t'Ottubru 2014 mit-*Tribunale Ordinario* ta' Catania u li jġib in-numri 4109/14;

il-Qorti qegħdha tordna li GRASSO Francesco jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiegħ lura lejn l-Italja u ċioe l-pajjiz skedat minn fejn inħarġu dawn l-erba' MAE u dan ai termini tar-regolament 13(4) u 24 tal-Ordni.

Din l-ordni għall-kustodja tal-estradant qegħdha ssir bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Italja tkun soġġetta dejjem għal-*law of speciality* ossija in konnessjoni mar-reati addebitati lilu fil-MAE u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

Il-Qorti qegħdha, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni kif ukoll tal-Artikolu 16 tal-Kap. 276 tinforma lill-estradant li :

(a) huwa mhux ser jiġi mreġġa' lura lejn l-Italja qabel ma jgħaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

(b) għandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-Ordni;

(c) jekk jidhirlu li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kap. 276 ġie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, hija għandha jedd titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-każ.

***Aaron M. Bugeja***